MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

## MAGISTRAT DR.
## GIOVANNI GRIXTI

Seduta tad-19 ta' Ottubru, 2010

Numru 1061/2010

**Il-Pulizija**
**(Spettur Paul Bond)**
**vs**
**Andre' Borg**

Il-Qorti;

Rat l-imputazzjoni migjuba kontra **Andre' Borg** bin il-mejjet Anthony u Concetta *nee'* Mangion imwieled il-Pieta nhar it-12 ta' Frar 1986 residenti 'Magro Flats' Flat1, Triq Shimon Peres, Salini limiti tan-Naxxar, detentur tal-karta tal-identita numru 98886M;

Talli matul ix-xahar ta' Settembru u Ottubru, 2010 kif ukoll matul ix-xhur precedenti, b'diverxi atti maghmulin minnu u fi zminijiet differenti, li jiksru l-istess disposizzjoni tal-ligi, u li gew maghmulin b'rizoluzzjoni wahda, minn gewwa r-residenza t'ommu li qeghda fuq il-fond maghru bhala 'Victoria Bar & Restauran, Armier limiti tal-Mellieha,

kkommetta serq ta' diversi oggetti tad-deheb kif ukoll oggetti ohra ta' gojjellerija, li l-istima taghhom taccedi €2,329, liema serq huwa aggravat bil-valur, persuna u lok u dan ghad-dannu t'ommu Concetta Borg;

Semghet l-ammissjoni tal-imputat minnu ikkonfermata wara li l-Qorti kkoncedietlu zmien sufficjenti biex jahseb dwar l-ammisjoni tieghu;

Stante ammissjoni, l-akkuza tirrizulta pruvata u ghalhekk il-Qorti qed issibu hati;

Rat l-artikoli 261(c), 267 u 279(b) tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta;

Rat il-fedina penali nadifa tal-imputat kif ukoll li l-imputat ammetta fi stadju bikri ta' dawn il-proceduri u kkopera bis-shih mal-Pulizija.

Stante li l-imputat huwa "first offender", il-Qorti qed titratta mieghu billi tilliberah bil-kondizzjoni li ma jaghmilx rejat iehor sa zmien sentejn mil-lum skond l-artikolu 22 tal-Kap 446 tal-Ligijiet ta' Malta. Spjegat l-obbligi tal-imputat naxxenti minn din is-sentenza u tordna li dawn l-atti jintbaghtu ghand l-avukat generali fi zmien li trid il-ligi.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------